IL-BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Laqgha 45 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 45(06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar id-dsatax (19) ta' Jannar 2015 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

Il-Hamsa u Erbghin Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

1. Approvazzjoni ta' Skrivan/a Skala 15 fuq bazi part-time
2. Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-intervisti ghall-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera; Is-Sur Lawrence Attard, Sur Anton Gellel u s-Sur Alan Cassar
Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjura Fiona Said
Il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi attenda fl-4.50pm.

## Talba

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-Laqgha numru 45(06).

Approvazzjoni ta' Skrivan/a Skala 15 fuq bazi part-time

1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn informa li l-Kunsill li kienu saru l-interviews lill-applikanti kollha li applikaw li huma eligibbli mill-lista li tintaghat mill-ETC.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li saru hmistax il-interview, fejn gew shortlisted erba' applikanti.

1.3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla inghatat f'din l-ordni:

(i) Stephanie Sammut (ID No 57795M)
(ii) Mireille Tanti (ID No 320592M)
(iii) Kylie Chetcuti (ID No 448196M)
(iv) Carl Mifsud (ID No 448196M)

1.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona lis-Sinjorina Stephanie Sammut skond ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla sabiex timla l-post vakanti ta' skrivan skala 15 fuq bazi part-time. Il-Kunsill approva unanimament.

***F'dan l-istadju tal-Laqgha, attenda il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi (fl-4.50pm)***

Hatra tal-Bord tal-Ghazla ghall-intervisti ghall-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv

1.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li ghal darba ohra jinsab iddispjacut bil-mod ta' kif qed jimxi id-Dipartiment fuq l-ingagg ta' Segretarju Ezekuttiv, fejn minhabba regolamenti kif inhuma is- Segretarja Ezekuttiva prezenti tista titlaq issa li inghatat il-hatra.

1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jinhatar il-Bord tal-Ghazla ghall-ingagg ta' Segretarju Ezekuttiv sabiex il-process jinbeda minnufih.

1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona il-persuni t'hawn taht:

(i) Is-Sur John Boxall - Chairperson
(ii) Is-Sinjura Fiona Said - Segretarju
(iii) Is-Sur Anton Gellel - Membru / Kunsillier
(iv) Is-Sur Alan Cassar - Membru / Kunsillier
(v) Is-Sur Carmel Camilleri - Membru

1.8 Il-Kunsill qabel unanimament li jinhatar il-Bord hekk kif imsemmi f'2.3

1.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ewwel interview ser isir ghada 20 ta' Jannar 2015 fl-4.00pm

1.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li ghandha tissejjah laqgha straordinarja, Ghada , 20 ta' Jannar 2015 fil-5.00pm sabiex jitressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla ghall-ingagg ta' Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill approva.

Il-Laqgha ntemmet fit-5.15pm

_________________________

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

_________________________

ikkonfermati
John Boxall
Sindku

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Fiona Said – Segretarju Eżekuttiv